MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1174/2005

APS Bank Limited
vs
Emanuel u Marthese konjugi Cutajar

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi l-konvenuti Emanuel u Marthese konjugi Cutajar kienu debituri tas-socjeta` attrici APS Bank Limited fis-somma komplessiva ta' sebgha u erbghin elf, tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm47,348.47), u cioe` s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u erbghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm24,242.24) rapprezentanti bilanc ta' debitu realattiv mal-*Overdraft Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta wiehed zero wiehed sitta (11495031016) [kopja annessa mac-citazzjoni u

mmarkata bhala Dok. APS1]; flimkien mas-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, mija u sitt Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm23,106.23) rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-*Loan Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta tnejn zero wiehed tnejn (11495032012) [kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. APS2]; u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*Overdarft Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta wiehed zero wiehed sitta (11495031016) u tal-*Loan Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta tnejn zero wiehed tnejn (11495032012) mit-tletin (30) ta’ Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi nonostante li l-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma kienu baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, in vista tal-permess, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-atturi talbu lill-Qorti:

Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta’ sebgha u erbghin elf, tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm47,348.47) kif fuq spejgat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward *Overdraft Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta wiehed zero wiehed sitta (11495031016) u tal-*Loan Account* numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta tnejn zero wiehed tnejn (11495032012) mit-tletin (30) ta’ Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri legali datati hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar 2004 rispettivament [kopji annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok. APS3 u APS4]; ta’ ittra gudizzjarja datata erbatax (14) ta’ April 2004 [kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. APS5]; tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax b’effett

mit-tletin (30) ta’ Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Marthese Cutajar li biha eccepiet:

1. Fl-ewwel lok illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien eccessiv stante li kien sar pagament konsiderevoli lill-Bank attur u dana permezz tal-procedura tal-bejgh in subbasta ta’ fond illi kien jappartjeni lill-konjugi Cutajar.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suepost illi l-bank attur kellu jgib il-prova li l-imghax impost ma kienx imghax fuq imghaxijiet. Illi ghaldaqstant kwalunkwe imghax mhux dovut kellu jigi mnaqqas mill-ammont pretiz.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talba attrici kellha tigi michuda fil-konfront tal-konvenuta Marthese Cutajar stante li l-ammont pretiz se mai kien intuza ghal negozju li kien sar mill-konvenut Emanuel Cutajar ad eskluzjoni u ad insaputa tal-konvenuta, stante li kien hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejn il-konjugi Cutajar fejn kien hemm kontestazzjoni min-naha tal-konvenuta Marthese Cutajar fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti kienu dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor billi huwa wahdu kien gawda l-beneficcju tal-istess negozju.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Marzu, 2006 il-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw nota ta’ eccezzjoni.

Rat illi l-konvenut Emanuel Cutajar baqa’ kontumaci.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Louise Spiteri ***supervisor*** mal-APS Bank Limited li fiha ssemma li l-konvenuti Emanuel u Marthese konjugi Cutajar kienu debituri tal-bank attur fis-somma kumplessiva ta’ sebgha u erbghin elf, tliet mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm47,348.47), u cioe` s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, mitejn u tnejn u erbghin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm24,242.24) rapprezentanti bilanc ta’ debitu realattiv mal-***Overdraft Account*** numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta wiehed zero wiehed sitta (11495031016) u s-somma ta’ tlieta u ghorin elf, mija u sitt Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm23,106.23) rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-***Loan Account*** numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta tnejn zero wiehed tnejn (11495032012, u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-***Overdarft Account*** numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta wiehed zero wiehed sitta (11495031016) u tal-***Loan Account*** numru wiehed wiehed erbgha disgha hamsa zero tlieta tnejn zero wiehed tnejn (11495032012) mit-tletin (30) ta’ Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv. L-imsemmi ammont kumplessiv kien dejn cert, likwidu u dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici.

Xehedet Louise Spiteri u qalet li kien hemm ***overdraft account*** u ***loan account*** favur il-kovenuti t-tnejn flimkien u kellhom obbligazzjoni solidali. Qabel ma hadu l-flus tas-subbasta fl-***overdraft account*** numru 114950301016 kien hemm l-ammont ta’ LM25,776.45 bilanc dovut. Fuq il-kont numru 20000122732 kien hemm bilanc ta’ Lm3,698.95. Dan l-account ma kienx imnizzel fic-citazzjoni minhabba li meta rcevew il-flus tas-subbasta, iddepozitaw l-ammont li

kien dovut fuq dan il-kont u gie ***zero balance***. Dan ma kienx gie maghluq imma kien gie ***set off*** . Ir-rikavat tas-subbasta kien Lm9,448.93 u ghalhekk dan l-ammont kien intuza biex l-ewwel kien gie azzerat l-***account*** ta' l-imghaxijiet. Minn dan l-***overdraft*** li kien issemma qabel kien tnaqqas l-ammont ta' Lm1,872.85. Meta kienet giet ipprezentata c-citazzjoni l-ammont dovut kien ta' Lm24,242.24 kif kien jidher fic-citazzjoni. Qalet li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ma kien gie mhallas l-ebda ammont. Dwar il-***loan account*** qalet li l-bilanc qabel ma rcevew l-ammont tas-subbasta kien Lm23,106.23. Minn dan ma kienu naqqsu xejn huma ghax ircevew Lm9,448 u dan kien tqassam fuq iz-zewg kontijiet ta' imghaxijiet rispettivi tal-***loan*** u l-***overdraft*** u parti kienu naqqsuha mill-***overdraft***. Il-kont ta' l-imghax fuq il-***loan*** kellu n-numru 20000122432. Meta rcevew l-ammont mis-subbasta kellu bilanc ta' Lm3,698.95 u huma hadu dak l-ammont mir-rikavat tas-subbasta u ssetiljaw dak l-ammont. Minhabba li dan kien gie azzerat allura lanqas biss kien jissemma aktar fic-citazzjoni.

Ziedet tghid li sal-ahhar ta' Gunju 2003 l-imghax kien ghadu jinhadem bil-mod regolari kif jahdmuh bil-***banking facilities*** jigifieri kull 6 xhur jghoddu l-imghax mal-bilanc. Pero` fil-perjodu ta' bejn Lulju 2003 u Dicembru 2003 indunaw li kien hemm xi problemi fejn huma gew f'dubju bhala bank li mhux ha jithallsu ta' dan il-bilanc dovut lilhom u allura hadu prekawzjonijiet fosthom li bdew jisseparaw l-imghax mill-kapital, u ghalhekk l-i***statements*** kienu juru li minn Dicembru 2003 l-imghaxijiet bdew imorru go kont separat li kien purament ghall-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta <u>Marthese Cutajar</u> li fiha ssemma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni kien eccessiv stante li kien sar pagament konsiderevoli lill-Bank attur u dana permezz tal-procedura tal-bejgh in subbasta ta' fond illi kien jappartjeni lill-konjugi Cutajar. Illi l-bank attur kellu jgib il-prova li l-imghax impost ma kienx imghax fuq imghaxijiet u ghaldaqstant kwalunkwe imghax mhux dovut kellu jigi mnaqqas mill-ammont pretiz. It-talba attrici kellha tigi michuda fil-konfront taghha stante li l-ammont pretiz ***se mai*** kien intuza ghal negozju li kien sar mill-konvenut

Emanuel Cutajar ad eskluzjoni u ad insaputa taghha stante li kien hemm proceduri ta' separazzjoni ghaddejjin bejniethom fejn kien hemm kontestazzjoni min-naha tal-konvenuta Marthese Cutajar fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti kienu dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor billi huwa wahdu kien gawda l-beneficcju tal-istess negozju.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li kemm l-***overdraft account*** kif ukoll il-***loan account*** kienu saru favur iz-zewg konvenuti u li dawn kellhom obbligazzjoni solidali. Fil-kors tal-kawza gie spjegat li l-ammont tal-flus derivati mis-subbasta kien gie kunsidrat wara li sar ***set-off***. Dwar l-***overdraft account*** kien gie azzerat l-***account*** ta' l-imghaxijiet. Ir-rikavat mill-bejgh b'subbasta tal-fond li kien jappartjeni lill-konvenuti u cioe` Lm9448.13 gie mnaqqas fl-1 ta' Awissu 2005 mill-ammonti dovuti mill-konvenut lis-socjeta` attrici kif jidher car minn fol 84 u 85 tal-process. Issemma wkoll li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ma gie mhallas ebda ammont. Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

Illi l-konvenut baqa' kontumaci waqt li l-konvenuta sostniet li kien hemm imghax fuq l-imghax izda b'ebda mod ma specifikat ghal-liema ammont kienet qedha tirreferi. Jidher li dwar il-***loan account*** l-imghax gie mahdum b'mod kompost (***compound interest***) mid-data tal-ftugh tal-kont sat-30 ta' Gunju u d-differenza fl-imghax bejn dak semplici (***simple interest***) ghal dak kompost huwa ta' Lm73.64 (ara Dokument EMC1 prezentat fit-30 ta' Mejju 2006). Mill-ewwel ta' Lulju 2003 'il quddiem l-imghax beda jinhadem b'mod semplici. Dan ifisser li ghar-rigward tal-***loan account*** ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm73.64 li hija d-differenza bejn l-imghax mahdum b'mod kompost ghal dak b'mod semplici. Fir-rigward tal-***overdraft account*** l-imghax gie mahdumn b'mod kompost mid-data tal-ftuh tal-kont sat-30 ta' Gunju 2003 u d-differenza hija ta' Lm2225.58 kif jirrizulta mid-dokument EMC2. Issa l-facilita` ta' kont kurrent (***overdraft account***) hija differenti minn dik ta' self b'mutwu (***loan account***) ghax fil-kaz tal-kont kurrent huwa wiehed intrinsikament kummercjali u

ghalhekk mhux milqut mir-regoli tal-Kodici Civili li jipprojbixxu l-kalkolu tal-imghaxijiet b'mod kompost.

Fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Group C Limited et** deciza fil-31 ta' Jannar 2007 minn din il-Qorti kif presjeduta ntqal:

***"D2. it-tieni eccezzjoni – imghaxijiet komposti***

Jibda biex jinghad, li fuq il-kwistjoni ta' imghaxijiet, fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet ***"ad hoc"*** mill-Kodici Kummercjali, hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 3 tal-Kap 13, tapplika l-ligi Civili.

"Fl-affarijiet ta' kummerc, tghodd il-ligi tal-kummerc:

Izda, fejn din il-ligi ma tiddisponiex, jghod l-uzu tal-kummerc, u, fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tghodd il-ligi civili." (Art 3)

Dan l-artikolu ghalhekk jsemmi l-bazi tal-ligi kummercjali u jistabbilixxi l-ordni ta' kif dan ghandu jigi applikat. Ghalhekk ghandkom jghoddu d-disposizzjonijiet tal-ligi kummercjali, u fin-nuqqas l-uzanzi kummercjali, u fin-nuqqas ta' dawn it-tnejn il-ligi civili.

Issa l-Artikolu 1142 tal-Kap 16 jiddisponi:

"L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena."

Il-facilita` bankarja, fil-kaz odjern inghatat lil socjeta` kummercjali biex taghmel atti tal-kummerc. Kien dan ir-ragunament li wassal lill-Qrati taghna, fuq pronunzjamenti ta' Qrati u awturi esteri, li jippermettu u jiddikjaraw legali stipulazzjonijiet maghmula f'kuntratti ta' self, anke fejn il-kreditur kien qed jiddebita l-imghaxijiet b'mod kompost u mhux semplici.

Ghalhekk, jirrizulta li kemm il darba fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut illi:

"L'uso continuo non mai contrastato delle banche locali e quello che si usa in altre paesi, cioe` quello di capitalizzare nei casi di apertura di credito in conto corrente I lucri sui bilanci a loro dovuti senza precedente convenzione, e cio` a periodi piu` brevi di un anno." (Ara **Negte Francesco Tabone vs Avvocato Luigi Piovano noe.** Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1929, Vol XXVII p.1 p.826).

Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni, li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk, l-imghaxijiet isiru jiffurmaw parti mill-kapital. (Ara, **John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et noe.** Qorti tal-Kummerc deciza fil-25 ta' April 1940).

Illi gie sostnut ukoll fil-kaz **Edwin Vassallo noe vs Salvatore Balluci** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-30 ta' April 1947, fejn sar studju approfondit fuq il-materja in kwistjoni u gie osservat:
"Illi fost dawk l-uzi, huwa risaput li fil-kuntratt tal-kont kurrent, l-interessi jimmaturaw ***'ipso jure'***, il-ghaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrent mhuwiex mutwanti, izda reciprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistghu jigu akkumulati fuq il-kapital wara zmien konvenut, li jista' jkun ta' sena, sitt xhur, tlett xhur u anke kull xahar sabiex jikkostitwixxu kapital gdid."

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi iktar recenti tal-Qrati taghna, fosthom, **Dr. Grazio Mercieca noe. vs Joseph Cassar noe. et** deciza fis-6 ta' Ottubru 1994, **Paul Azzopardi noe vs Guido Falzon et,** Appell Kummercjali deciz fl-20 ta' Lulju 1994, **H.S. B. C. Bank Ltd. vs Teg Industries Ltd. et** deciza mill-prim' Awla Qorti Civili, fid-29 ta' Novembru 2001, **Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 2000. Illi jirrizulta li kien hemm konsistenza fil-gurisprudenza nostrana f'dak li jirrigwarda dan il-principju.

F'dan il-kuntest, ta' min ighid li fiz-zmienijiet pjuttost recenti bdiet tigi ventilata l-veduta li jekk il-Bank iwaqqaf il-

facilita` bankarja skond it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***"call in",*** u ma jhallix lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess Bank m'ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja. Fil-fatt, fil-kaz, **John Mary Farrugia vs Gontram Borg noe.** Appell Kummercjali deciz fit-12 ta' Frar 1988, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat sentenza tal-Prim' Istanza u qablet li peress li dan l-uzu kummercjali kien sa certu punt, derogazzjoni ghal-ligi skritta kellu jigi mizmum fil-limiti gusti, u li ghalhekk meta l-kont bankarju gie terminat, is-sistema ta' komputazzjoni ta' imghax kif applikat mill-Bank ma kellux jibqa' japplika, u minflok, mat-terminazzjoni tal-kont kurrent, ikunu dovuti biss imghaxijiet semplici.

Gie ribadit ukoll, fil-kawza **Konkors tal-Kredituri ta' Anthony Debono noe.** Appell Kummercjali tad-29 ta' April 1993:
"Il-kapitalizzazzjoni ma tistax issir iktar minn darba fis-sena, ghaliex l-uzu kummercjali ma jistax jidderoga ghar-regola fundamentali li teskludi l-anatocizmu, ghaliex altrimenti, il-kapitalizzazzjoni aktar frekwenti tkun qeghda prattikament tikkonkretizza l-qliegh ta' interessi fuq interessi qabel ma dawn veramnet jigu kapitalizzati skond il-ligi."

Izda, jidher pero` li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru 2002, **Bank of Valletta Ltd. vs Anne's Trading Co. Ltd.,** giet affermata l-pozizzjoni fis-sens li din il-Qorti regghet irrivertiet ghall-precedent konfigurat fir-ragjonament dettat fid-decizjoni fl-ismijiet **Edwin Vassallo noe vs Salvatore Balluci** diga` citata hawn fuq. F'dan il-kaz, il-Qorti rriteniet li ladarba jigi terminat il-ftehim; u din it-terminazzjoni tista' tkun wahda unilaterali, maghmula mill-kreditur, meta l-Bank attur isejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (***call in***). U minn dak il-mument tat-terminazzjoni, l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti.

F'dan il-kaz, saret referenza wkoll ghall-artikolu 1852 tal-Kap 16 li jghid li:
"(1) l-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena."

Ukoll l-artikolu 1850 jikkontempla l-ftehim ghal imghaxijiet fuq self ghall-konsum, wara li fis-subartikolu (2), hemm imnizzel meta dan il-ftehim ghall-imghax huwa lecitu, u taht liema kundizzjonijiet jista' jinbidel f'kapital gdid, fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jipprojbixxi kwalunkwe ftehim iehor fis-sens illi:
(3) "Kull ftehim iehor ta' imghaxijiet fuq imghaxijiet, ma jiswiex."

L-istess principju gie segwit ukoll fil-kaz **Bank of Valletta Ltd. vs Lydia Pulis et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003.

Issa fil-kaz in ezami, inghatat ***'loan facility'*** lill-konvenuti u gie argumentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank attur, li dan imur hafna vicin il-facilita` bankarja ta' ***overdraft***. Ghandu jigi sottolineat li kuntratt ta' self mhux l-istess bhal kuntratt ta' ***overdraft***. Dan gie spjegat anke minn diversi atturi bhal **Vidari** u **Torrente.** **Torrente** qal fil-fatt, li ***"l-apertura di credito non deve confondorsi con il mutuo*** (promessa di mutuo) (Manuale di Diritto Privato; 9 Ediz; pag 572). Hu veru li l-gurisprudenza taghna hija pacifika li fil-kuntratt ta' ***Overdraft*** l-imghaxijiet komposti huma permessi izda dan ma hux il-kaz fis-self Bankarju."

L-istess principji gew affermati fil-kawza fl-ismijiet **Lombard Bank p.l.c. vs IV' s Co. Ltd (gja Santa Group Ltd)** – Prim'Awla, Imhallef Tonio Mallia tat-3 ta' Lulju 2003 fejn intqal:
*"Fuq din il-kwistjoni, il-Qorti thossa li ghandha taghmel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' overdraft u dak ta' self. L-artikolu li jipprojbixxi l-kalkolu ta'l-imghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' <u>somma determinata</u>" (*art. 1139 Kodici Civili*). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjonu ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' '*overdraft'*. Kuntratt ta' '*overdraft' *ma jittrattax obbligazzjoni ta' '*somma determinata'*, tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-*

*Kummerc fil-kawza '*Warrington noe vs Sciberras*' deciza fit-8 ta' Lulju 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita` lill-klijenti mhiex titolu ezekuttiv, izdajehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.*

*Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' overdraft, johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li 'l-apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo).*

*-Omissis-*

***Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta` ta' 'overdraft', li hu negozja kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.***

*Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sitema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (overdrafts), izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qorti taghna bhala valida u legali f'diversi sentenzi, fosthom, '*Scicluna vs Tufigno noe'*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-25 t'April 1940, '*Busutil vs Spiteri Debarro'*, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, '*Mercieca noe vs Borg'*, deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1994,* 'Bank of Valletta Ltd vs Dalli'*, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 1999 u '*Borg vs Borg et'*, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2002. Ricentiment, dan il-principju kien konfermat b'sentenza ta' L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru, 2002, moghtija fil-kawza* 'Bank of Valletta Limited vs Anna Trading Co. Ltd. et' *u b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2003, fil-kawza* 'Zammit vs Pulis'.

Inoltre fil-kawza **Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Co. Ltd. et** tas-6 ta' Dicembru 2002, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet illi:

***"Huwa uzu tal-kummerc li gie dejjem accettat f'dawn it-tip ta' kuntratt li l-bank jghaddi l-imghax tieghu kull sitt xhur u illi jigu debitati l-imghaxijiet fuq l-imghaxijiet.***

-Omissis-

"F'affarijiet tal-kummerc, tghodd il-Ligi tal-kummerc" (*Artiklu 3 Kodici tal-Kummerc Kapitlu 13 tal-Ligijie ta' Malta*). *Fejn pero`, din il-ligi ma tipprovdix skond il-proviso ta' l-istess Artiklu 3 il-ligi civili tghodd biss fin-nuqqas ta' uzu tal-kummerc liema uzu ghalhekk jiehu precedenza fuq il-ligi civili. Il-provvedimenti tal-kont kurrent fil-Kodici tal-Kummerc ma jipprovdu xejn fir-rigward ta' din il-materja in ezami u allura, anke qabel il-Kodici Civili, japplikaw l-uzanzi tal-kummerc.*

*Kien dan ir-ragunament li wassal lill-Qrati taghna, fuq skorta ukoll ta' pronunzjamenti ta' Qrati u awturi esteri,* ***li jippermettu u li jiddikjaraw legali stipulazzjoni maghmula fil-kuntratt ta' kont kurrent (overdraft) anke fejn il-kreditur kien qed jiddebita l-imghaxijiet b'mod kompost u mhux semplici.***

*Fost sentenzi ohrajn din il-Qorti sejra ssemmi 'Dennis Degiorgio nimone versus Guido Sant Fornier' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Ottubru 1980* "Konsegwentement, u billi l-ftehim dwar l-imghax gie bazat fuq l-uzu bankarju – nonostante illi l-ligi civili tikkunsidra null il-ftehim ta' imghaxijiet komposti ghall-perjodi iqsar minn sena – dana l-uzu bankarju ghandu jipprevali fuq il-provvedimenti civili,"

Illi fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet ukoll illi:

*"Il-bazi legali kollha pero` li twassal ghall-konkluzjoni fuq imsemmija hija l-esistenza ta' ftehim ta' kont kurrenti. Terminat dan il-ftehim, tkun xi tkun ir-raguni, allura r-regoli fuq annuncjati ma jsibux aktar l-applikazzjoni taghhom. Din it-terminazzjoni tista' ukoll tkun wahda unilaterali maghmula mill-kreditur … fejn dan juza' d-diskrezzjoni*

*tieghu u jsejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut* (call in)*, jew javza lid-debitur li l-kont kurrenti m'ghadux qed jopera u li, per ezempju, l-kont jista' jintuza biss ghad-depoziti pero` mhux ghall-hrug ta' ammonti* (reading only)."

Ghalhekk m'ghandu jigi ridott ebda imghax mis-somma dovuta mill-konvenuti lis-socjeta` attrici fir-rigward tal-***overdraft account***. Ghal dan il-motiv tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta limitatament ghall-ammont ta' Lm73.64.

Ukoll dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta li fil-kaz tal-konvenuta din kellha tigi michuda fil-konfront taghha stante li l-fondi ntuzaw ghan-negozju tal-konvenut u ghalhekk huma biss dovuti mill-konvenut ma jreggix fil-konfront tal-bank attur ghax kien hemm self garantit b'obbligazzjoni solidali. (Ara dokumenti APS7, 9, 12, 13 u 14). Il-fatt li gawda biss il-konvenut mhix raguni valida fil-konfront tal-bank attur, u ghalhekk tichad ukoll din it-tielet eccezzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li t-talba attrici tidher gustifikata tilqaghha hlief ghall-ammont ta' Lm73.64 u tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm47,274.83 u dan oltre imghax bit-8% fir-rigward ta' l-***Overdraft Account*** 11495031016 u tal-***Loan Account*** 11495032012 mit-30 ta' Gunju 2005 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------